## 20 ta' Ġunju 1955

**Imħallef:**

**Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.**

John Schembri *versus* Saveria Schembri pr. et ne. et.

### Sekwestru — Salarju — Ħaddiem — Driver — Chauffer — Mekkaniku — Mara — Alimenti — Spejjeż Ġudizzjarji — Art. 382 (1) (d) u art. 382 (2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili

*Is-salarju ta' ħaddiem mhuwiex sekwestrabbli.*

*"Driver" jew "chauffeur" ma jistax jingħad li mhuwiex ħaddiem, għall-finijiet ta' dina d-dispożizzjoni, jekk ma jkunx impjegat ukoll bħala "mekkaniku"; għalhekk il-paga ta' driver li ma jkunx jaħdem ukoll ta' mekkaniku mhix sekwestrabbli.*

*Sekwestru ottenut fuq il-paga ta' ħaddiem mhux validu lanqas jekk jiġi ottenut minn mara in eżukuzzjoni ta' kreditu tagħha għall-alimenti, jekk ma tkunx ġiet osservata l-proċedura traċċjata mill-istess liġi biex ikun jista' joħroġ mandat ta' sekwestru fuq il-paga ta' dak il-ħaddiem.*

*Għaldaqstant, il-mara li titlob il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru fuq il-paga tar-raġel driver mingħajr ma tkun osservat dik il-proċedura, għandha tbati parti mill-ispejjeż tal-kawża li jagħmel ir-raġel għar-revoka ta' dak il-mandat.*

*Kwantu għas-sekwestratarju li jkun żamm il-paga, dan ma għandux ibati spejjeż f'dik il-kawża; għax hu ma għamelx ħaġ'oħra ħlief obda l-ordni tal-Qorti kif impost lilu fil-mandat.*

Il-Qorti; — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, wara li jippremetti illi b'mandat ta' sekwestru maħruġ minn dina l-Qorti fuq talba tal-konvenuta Saveria Schembri proprio et nomine fit-18 ta' Mejju 1955, li jġib in-numru 219 ta' l-istess sena (dok. A), ġew sekwestrati f'idejn il-konvenut Nicola Cassar il-flus li dan għandu jew jista' jkollu tiegħu, ta' l-attur; u illi l-istess Nicola Cassar iħaddmu bħala chauffeur; u l-flus li jkollu f'idejh ta' l-attur huma tas-salarju ta' l-istess attur, u għalhekk dawk il-flus, bħala salarju ta' ħaddiem, ma humiex sekwestrabbli skond l-art. 382(1) tal-Liġijiet

tal-Proċedura Ċivili: talab li, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji, u l-provvedimenti opportuni, jiġi dikjarat, minn dina l-Qorti illi l-flus dovuti mill-konvenut Nicola Cassar lill-attur, bħala ħlas tiegħu salarju ma humiex sekwestrabbli skond il-liġi; billi konsegwentement tiġi, għal bżonn, revokata l-eżekuzzjoni ta' l-imsemmi mandat ta sekwestru; in kwantu tirrigwarda flus dovuti lill-attur bħala salarju minn għand il-konvenut Nicola Cassar, Bl-ispejjez kontra l-konvenuti, li għandhom jidhru għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi fit-18 ta' Mejju, 1955, il-konvenuta ottjeniet minn dina l-Qorti l-ispedizzjoni ta' mandat ta' sekwestru kontra l-attur, u f'idejn il-konvenut Nicola Cassar, in ezekuzzjoni ta' degriet mogħti mill-istess Qorti fl-10 ta Diċembru 1953, fil-kawża fl-ismijiet "Saveria Schembri vs. John Schembri", li ġiet deċiża fil-21 ta' April 1955, biex tikkonsegwixxi kreditu tagħha msemmi f'dak il-mandat;

Illi jirriżulta li l-attur hu ħaddiem, u s-salarju tiegħu, li ġie sekwestrat f'idejn il-konvenut Cassar in forza ta' l-imsemmi mandat, huwa jirċevieh f'dik il-kwalità ta' ħaddiem; u għalhekk dak is-salarju ma setgħax jintalab il-ħruġ fuqu mill-konvenuta tal-mandat ta' sekwestru (art. 382 (1) (d) Kap. 15):

Illi ma jistgħax jingħad illi "driver" mhuwiex ħaddiem fis-sens tal-liġi. Mix-xhieda, mhux kontestata mill-konvenuta, u mid-dikjarazzjoni tal-konvenut, jirriżulta li l-attur hu impjegat mal-konvenut bħala "driver", u mhux bħala "mekkaniku"; u jinsab stabbilit illi s-salarju ta' "driver" li ma jagħmilx ukoll ta' "mekkaniku" mhux sekwestrabbli (Kollez. Vol. XXX-I-978);

Illi l-anqas jista' jingħad illi l-mandat fuq imsemmi, ladarba ġie spedit biex jiġi ottenut bih manteniment, hu validu u għandu jibqa' ferm; għaliex il-konvenuta setgħet, skond il-liġi, tottjeni għal dak il-fini s-sekwestru tas-salarju ta' l-attur mhux bil-mod kif għamlet, imma billi titlob ordni għal daqshekk mill-Qorti fit-termini tad-dispożizzjoni ta' l-art. 382 (2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili;

Illi, kwantu għall-ispejjeż, jingħad illi, għalkemm il-man-

dat tas-sekwestru ġie ottenut mill-konvenuta għaliex, kif jidher, l-attur ma ħallashiex il-manteniment dovut lilha, l-istess konvenuta kellha tkun taf illi l-mezz biex tottjeni s-sekwestru tas-salarju ta' l-attur ma kienx dak minnha adoperat; u għalhekk din il-kawża ġiet provokata minnha. Hu ċert, mbgħad, illi l-konvenut Nicola Cassar ma għandux ibati spejjeż, għaliex hu ma għamelx ħaġ'oħra ħlief ottempera ruħu għall-ordni li ġie lilu mpost fl-imsemmi mandat;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċiedi billi tiddikjara *illi* l-flus dovuti mill-konvenut Cassar *lill-attur* bħala salarju ta' "driver" mhumiex sekwestrabbli skond il-liġi, u konsegwentement tirrevoka l-eżekuzzjoni tal-mandat tas-sekwestru msemmi fiċ-ċitazzjoni in kwantu tirrigwarda l-flus dovuti lill-attur bħala salarju minn għand il-konvenut Cassar. L-ispejjeż fil-konfront bejn l-attur u l-konvenuta jibqgħu mingħajr taxxa; dawk fil-konfront bejn l-attur u l-konvenut Cassar iħallashom l-attur. Id-dritt tar-Reġistru, mbagħad, tħallsu l-konvenuta.